**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**David Sammut**

**Illum, 26 ta' Settembru, 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**David Sammut**, detentur tal-karta tal-identità 0437394(M)

Akkuzat:

Talli nhar it-18 ta' Lulju, 2018, ġewwa l-fond 78, Rosann, Triq San Luqa, Żurrieq u/jew f'dawn il-gżejjer:

1. Ikkaġuna feriti ta’ natura ħfief fuq il-persuna ta’ ommok, cioè Rosa Attard, detentriċi tal-karta tal-identità numru 28963(M) hekk kif ċertifikat minn Dr. Karl Cascon u minn Dr. Dale Brincat u dan bi ksur tal-Artikolu 221 (1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, u fil-jiem u x-xhur ta’ qabel, bl-imġieba tiegħek ikkaġunajt lill-istess Rosa Attard biża’ li se tintuza vjolenza kontriha u dan bi ksur tal-Artikolu 251 (B) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. U b’hekk irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f’każ ta’ ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta’ Rosa Attard jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta’ protezzjoni tal-persuna leża jew individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biżà ta’ vjolenza, toħroġ ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkużat dan ai termini tal-Artikoli 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f’każ ta’ ħtija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-liġi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jekk ikun il-każ ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Għaldaqstant, filwaqt li qed nesebixxi l-fedina penali u estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, nitolbu li dan il-każ jiġi investigat skont il-Liġi.

Rat illi fis-seduta tal-01 ta' Awissu 2018, l-imputat irregistra ammissjoni li giet debitament registrata fil-verbal tal-istess seduta.

Rat illi waqt l-udjenza tal-lum stess l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat illi l-Qorti tat lill-imputat zmien ragonevoli sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum stess mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-Probation Officer li gie assenjat sabiex ihejji pre-sentencing report prezentat nhar il-05 ta' Settembru 2018;

Rat ir-rapport ulterjuri tal-Ufficjal tal-Probation tal-20 ta' Settembru 2018;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat;

Illi mill-'pre-sentencing report' jirrizulta li l-fedina penali tal-imputat hija kwazi netta u li l-imputat qed jaghmel hiltu sabiex izomm 'il boghod mill-kriminalita u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja effettiva ma hiex idoneja fil-kaz odjern.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 221 (1) u 251 (B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat il-gravità u n-natura tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat u l-ammissjoni bikrija tal-imputat, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u (1) tikkundannah sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' snin, u (2) tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Servizz fil-Komunità u tikkundannah mija u hamsin siegha xoghol fil-komunità ai termini tal-Artiklu 11 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll (3) tohrog Ordni ta' Protezzjoni favur il-vittma Rosa Attard ghal zmien ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur